**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi**
**Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon**
**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti**

**Seduta ta' l-Erbgha 15 ta` Jannar 2020**

**Att ta' Akkuza**
**(Ammissjoni)**
**Nru. 8/2014**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Christopher Bartolo**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li pprezenta l-appellant fl-20 ta` Awissu 2019 fejn, ghal serje ta` ragunijiet li kienu ndikati u mfissra fir-rikors, allega ksur tal-Art 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, u ksur ta` l-Art 14 abbinat mal-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Ghalhekk talabha sabiex abbazi tal-Art 46(3) tal-Kostituzzjoni ta` Malta taghmel referenza lill-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) sabiex din taccerta jekk abbazi tal-kwistjonijiet li ssemmew fir-rikors sehhewx il-vjolazzjonijiet minnu lamentati.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Awissu 2019.

Rat ir-rikors li pprezenta l-Avukat Generali fid-29 ta` Awissu 2019.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta` Settembru 2019 dwar dan ir-rikors tal-Avukat Generali.

Rat ir-risposta li pprezenta l-Avukat Generali fit-30 ta` Settembru 2019 ghar-rikors li pprezenta l-appellant fl-20 ta` Awissu 2019, skont kif kien awtorizzat bid-digriet taghha tad-9 ta` Settembru 2019.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tat-23 ta` Ottubru 2019.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti.

## II. Ir-ragunijiet tar-rikorrent

Sejra taghmel *seriatim* **sintesi** tar-ragunijiet li gab l-appellant sabiex jiggustifika t-talba ghar-referenza.

### 1. Stqarrijiet guramentati

L-appellant jissottometti li ghalkemm bhala fatt huwa rrilaxxja zewg stqarrijiet, fil-kaz tal-ewwel stqarrija ma kienx inghata l-opportunita` ta` access ghal assistenza legali, waqt li fil-kaz tat-tieni stqarrija, ma nghatax l-opportunita` li jkollu avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni. Ghalhekk talab referenza sabiex qorti ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tiddikjara jekk kenitx sehhet lezjoni tal-jeddijiet fondamentali tieghu hekk kif dawn huma imharsa bl-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali ("**il-Konvenzjoni**") u bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ("**il-Kostituzzjoni**"). In segwitu z-zewg stqarrijiet kienu kkonfermati mill-appellant bil-gurament quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Jirreferi ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Anthony Caruana vs Avukat Generali**" fil-31 ta` Mejju 2019, fejn inghad illi l-fatt *ut sic* li ma tkunx inghatat l-assistenza legali mhuwiex fih innifsu ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, izda l-kwistjoni ghandha tkun meqjusa skont il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz. Li l-persuna arrestata tkunx persuna vulnerabbli hija konsiderazzjoni importanti. Fuq kollox pero` fl-apprezzament dwar jekk il-jedd ghal smigh xieraq ikunx gie vjolat inkella le, qorti kompetenti ghandha tqis il-procediment kriminali tal-persuna koncernata fl-intier tieghu.

L-appellant josserva li fil-kaz tieghu kien diga` dikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali li z-zewg stqarrijiet li kien irrilaxxja kienu lesivi ghall-jedd tieghu ghal smigh xieraq. Ghalhekk dik il-lezjoni kellha testendi ukoll ghall-fatt li dawn iz-zewg stqarrijiet kienu gew konfermati bil-gurament minnu quddiem il-Magistrat.

Jishaq illi mill-provi kien jirrizulta li l-kondizzjoni medika tieghu fiz-zmien meta saru l-interrogazzjonijiet kienet gravi tant li kienet qeghjda tikkawza ghad-detriment tieghu ugigh kbir, ansjeta` u dipressjoni, materji dawn li – skont l-appellant – kienu jaghmluh persuna vulnerabbli.

Skont l-appellant, anke l-istqarrijiet guramentati kienu jikkostitwixxu lezjoni tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq.

## 2. Ir-rwoli tal-Avukat Generali

L-appellant jilmenta wkoll bil-fatt li l-Avukat Generali ghandu rwoli, funzjonijiet u dmirijiet diversi, li mhux kompatibbli ma` xulxin, anzi jmorru kontra xulxin, jikkostitwixxi ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq.

Ighid li mhux accettabbli li l-Avukat Generali bhala Prosekutur Ewlieni "*jezercita dawk s-setghat skont il-gudizzju personali tieghu*" u li "*m'ghandhu jkun suggett ghal ebda ordni jew kontroll minn xi persuna jew awtorita*" mbaghad fl-istess waqt huwa l-konsulent legali tal-Gvern u ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern. Il-funzjonijiet huma nkompatibbli.

Jissottometti li fis-sistema legali taghna, il-Prosekuzzjoni ghandha jkollha grad ta' oggettivita jew ta` mparzjalita skont l-Art 346 tal-Kodici

Kriminali. Fejn jidhol il-jedd ghall-assistenza ta` avukat, jimmanifesta ruhu, skont l-appellant, il-konflitt bejn ir-rwol tal-Avukat Generali bhala Prosekutur Pubbliku u bhala Rapprezentant tal-Gvern.

Ighid illi r-rwoli konfliggenti tal-Avukat Generali huma ta` pregudizzju ghalih ghaliex bhala konsulent tal-Gvern l-Avukat Generali ghandu l-obbligu li jipproponi u japprova legislazzjoni, meta mbaghad se jkun hu li japplika dik il-legislazzjoni.

L-appellant jiccita lill-Prim Imhallef Emerits Professur John J. Cremona meta dan ighid :-

*" … as a legal counsellor to the Government, and at the same time an author of all the law projects, he occupies an ideal position to influence the course of criminal legislation.*

*…*

*The Attorney General should not be in a position to both influence criminal laws in the legislative branch and then utilize such function before the judicial organ of the State."*

L-appellant ikompli josserva li dan kollu jmur kontra l-principju tas-separazzjoni tal-poteri, u allura anke minhabba f`hekk, hemm ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq.  Ghalkemm huwa minnu li legalment l-Avukat Generali ghandu l-indipendenza tieghu garantita bl-Art 91(3) tal-Kostituzzjoni, fir-realta` din il-indipendenza ma tezistix minhabba r-rwol tieghu bhala konsultent u bhala rapprezentant tal-Gvern. L-appellant jirreferi ghas-sentenzi : **Il-Pulizija vs Edward Cassar et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Gunju 1986 ; u **Alan Mifsud et vs l-Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali (Vol LXXIV.I.227)

L-appellant jishaq illi ghadd kienu l-pronunzjamenti tal-ECtHR dwar il-principju ta' *audi alteram partem* u tal-*equality of arms*. In partikolari jirreferi ghas-sentenzi : **Kress vs France** deciza fis-7 ta' Gunju 2001 ; u **Borgers vs Belgium** deciza fit-30 ta' Ottobru 1991.

## 3. Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali : Brian Vella vs Avukat Generali

Jissottometti li f`dik il-kawza il-Qorti Kostituzzjonali ppronunzjat ruhha diversament milli kienet ghamlet fil-kawzi kostituzzjonali li kien ipprezenta hu.

Infatti – jikkontendi l-appellant – illi kontra dak li sar fil-kawza ta` Brian Vella, fil-kaz tieghu, ma kienx ordnat it-thassir tas-sentenza fil-procediment kriminali, izda kien ordnat biss li z-zewg stqarrijiet li kien irrilaxxja jitnehhew mill-atti tal-kawza kriminali.

Ghalih dak il-fatt jikkostitwixxi diskriminazzjoni bla gustifikazzjoni. Li jfisser li kien hemm ksur tal-jeddijiet fondamentali tieghu skont l-Art 39 u 45 tal-Kostituzzjoni, u l-Art 14 abbinat mal-Art 6 tal-Konvenzjoni.

Jissottometti li ghall-fini ta` l-Art 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid zzomm quddiemha tlett elementi : i) li l-ilment jehtieg li jkun marbut ma` xi jedd iehor imhares mill-Konvenzjoni ; ii) li l-kawzali tad-diskriminazzjoni hija biss ndikattiva, fis-sens illi tista` tkun aktar wiesa` mill-kawzali ndikata fl-Art 45 tal-Kostituzzjoni ; u iii) li t-trattament differenti bejn kategorija u ohra ta` persuni trid tkun legittima u ragjonevoli ; ghalhekk mhux kull trattament differenti jwassal ghal sejbien ta' trattament diskriminatorju. Jirreferi ghad-decizjonijiet tal-ECtHR : **<u>Kafkaris vs Cyprus</u>** ; u **<u>Thlimmenos vs Greece</u>**

## 4. <u>Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta</u>

L-appellant jirreferi ghal talba – <u>li din il-Qorti kienet cahdet</u> – sabiex il-Qorti Kriminali tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, u tirreferieh lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, skont l-Art 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Filwaqt li jikkontesta d-digriet tac-cahda, l-appellant jirreferi ghall-procediment ta` referenza kostituzzjonali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mario Zammit</u>**, u jissottometti li ma hemm xejn fil-ligi li jeskludi l-applikazzjoni tal-Kap 537 fil-kazi li jkunu pendenti quddiem il-Qorti Kriminali. Ighid li l-ligi titkellem dwar il-kwantita ta' droga li tkun jew ma tkunx sejra taqbez l-linji gwida, izda ma titkellimx dwar jekk persuna tkun akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati jew il-Qorti Kriminali. Ghalhekk l-argument li ghamlet din il-Qorti sabiex tichad it-talba tal-appellant tohloq diskriminazzjoni serja ghaliex l-applikazzjoni tal-Kap 537 tkun qeghda tiddependi biss fuq jekk il-persuna tkunx giet iprocessata quddiem il-Qorti Kriminali jew le, liema diskrezzjoni hija mhollija f'idejn l-Avukat Generali.

L-appellant jishaq li dan ma kienx l-ispirtu ta' l-ligi.

Tant huwa hekk – ikompli jghid – illi anke fl-Art 22(2B) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward tal-piena, anke jekk persuna tkun instabet hajta mill-Qorti Kriminali, dik il-persuna tista` tinghata l-piena ravvizata daqs li kieku instabet hatja mill-Qorti tal-Magistrati u mhux mill-Qorti Kriminali.

## 5. <u>L-akkreditament tal-laboratorji forensici</u>

L-appellant jissottometti li skont il-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31 fornituri ta' servizzi forensici jistghu jwettqu attivitajiet tal-laboratorju jekk jigu akkreditati mill-korp ta' akkreditament nazzjonali. Fil-kaz tal-lum, id-droga li nstabet ghandu kienet analizzata mill-espert Godwin Sammut go laboratorju li fiz-zmien in kwistjoni ma kienx akkreditat. Ghalhekk l-analizi ta` droga go laboratorju mhux akkreditat iwassal ghal nuqqasijiet u pregudizzju ghalih billi jikser id-drittijiet fundamentali tieghu stante nuqqas ta' konformita mal-istandards necessarji.

## III. <u>Ir-risposta tal-Avukat Generali</u>

L-Avukat Generali jaghmel osservazzjonijiet ta` natura preliminari. Imbaghad iwiegeb ghall-ilmenti li fuqhom l-appellant qed jitlob ir-referenza.

## 1. <u>Osservazzjonijiet preliminari</u>

L-Avukat Generali jirrimarka li qabel ma tikkunsidra t-talba ghal referenza li ressaq l-appellant, il-Qorti ghandha tqis illi l-aggravju tal-appell kien limitat ghall-kwistjoni ta` jekk il-piena li kienet inflitta mill-Ewwel Qorti fil-konfront tieghu kenitx jew le eccessiva. Quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant ghazel li jammetti l-akkuzi. Ghalhekk illum ma hemm ebda skop li tintlaqa` t-talba ghal referenza.

Jikkontendi li l-appellant diga` ghamel kawza kostituzzjonali fejn talab sabiex ikun dikjarat li fil-procediment odjern kien garrab lezjoni tal-jeddijiet fondamentali tieghu ghal smigh xieraq. F`dik il-kawza kien hemm

sentenza li saret gudikat (**<u>Christopher Bartolo vs Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija</u>**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottobru 2018).

Isostni illi kieku ried l-appellant seta` ressaq l-ilmenti kollha li abbazi taghhom qed jitlob ir-referenza f`dak il-procediment, izda ma ghamel xejn minn dan.

Jishaq li t-talba nnfisha hija ntempestiva ghaliex fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali appena citata li fiha kien involut l-appellant inghad : "*f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan d-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti*."

## 2. <u>Osservazzjonijiet dwar l-ilmenti</u>

Sejra tghaddi issa sabiex taghmel **<u>sintesi</u>** tar-ragunijiet *seriatim* li gab l-Avukat Generali sabiex isostni l-opposizzjoni tieghu ghat-talba ghar-referenza.

### a) <u>L-istqarrijiet</u>

Dwar dan l-ilment, l-Avukat Generali jirrileva illi meta l-kaz wasal quddiem il-Qorti Kriminali, l-appellant kien diga` rregistra l-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kollha. Apparti dan, kien wara talba tal-appellant innifsu li sar ukoll *pre-sentencing report*, ghall-fini ta` kalibrazzjoni tal-piena.

Ighid illi fis-sentenza taghha l-Qorti Kostituzzjonali kienet iddikjarat li l-istqarrijiet li kien irrilaxxja kienu lezivi ghad-dritt tieghu ta` smigh xieraq. Pero` kienet ukoll tal-fehma li l-azzjoni tieghu kienet intempestiva billi l-proceduri kriminali kienu ghadhom ghaddejin. L-Avukat Generali jiccita din il-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali : **<u>Il-Pulizija vs Amanda Agius</u>** deciza fit-22 ta' Frar 2013 ; **<u>Il-Pulizija vs Tyrone Fenech</u>** deciza fit 22 ta Frar 2013 ; u **<u>Il-Pulizija vs Renald Baldacchino</u>** deciza fis-6 ta' Frar 2015.

Dwar l-allegata vulnerabilita` tal-appellant minhabba l-qaghda ta` sahha tieghu li baqghet sejra lura, l-Avukat Generali osserva li l-element tal-vulnerabilita` huwa biss fattur wiehed li jrid ikun ikkonsiderat. Fil-kaz ta` **<u>Beuze vs Belgium</u>** (App. No. 71409/10) l-ECtHR irriteniet li ghall-fini

tal-lezjoni tal-jedd ghal smigh xieraq, il-process kollu u cioe` fit-totalita`tieghu ghandu jitqies mhux incident wiehed bhal meta l-persuna koncernata tkun bla avukat waqt l-interrogatorju. Jirreferi wkoll ghal **Farrugia vs Malta** li kienet deciza mill-ECtHR fl-4 ta' Gunju 2019.

**b) Ir-rwoli tal-Avukat Generali**

Dwar dan l-ilment, l-Avukat Generali jirribatti billi jghid illi fl-ebda mument l-appellant ma spjega kif, fil-kaz tieghu, r-rwoli li ghandu (u cioe` tal-Avukat Generali) qeghdin jikkawzaw xi tip ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu, inkluz dak ghal smigh xieraq. Ir-rwol tieghu fil-qasam civili u kostituzzjonali mhuwiex l-istess bhal dak ta' avukat ta' parti fil-privat. Dan huwa esplicitament rifless fl-Art 91A tal-Kostituzzjoni.

**c) Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali : Brian Vella vs Avukat Generali**

Dwar dan l-ilment, l-Avukat Generali jirrimarka li l-appellant ma fissirx ma`liema disposizzjoni kien qed jorbot l-ilment tieghu, ghaliex sabiex jista` jinghad li sehhet diskriminazzjoni, irid jintwera bilfors li l-imgieba diskriminatorja taqa` taht wahda mir-ragunijiet moghtija mill-Art 45(3) tal-Kostituzzjoni. Minn dan l-appellant ma ghamel xejn.

L-istess ighodd ghal fejn si tratta tal-Art 14 tal-Konvenzjoni. Anke f`dan il-kaz l-appellant ma mputax id-diskriminazzjoni ma` xi wahda elenkati. L-Avukat Generali jirreferi ghas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali : **Ivan Vella vs Avukat Generali** deciza fil-25 ta' Novembru 2011 ; **Angelo Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza i fis-17 ta' Frar 1999 ; **Enrietta Bianchi et vs Avukat Generali et** deciza fl-24 ta' Gunju 2011 ; u ghas-sentenza tal-ECtHR : **Abdulaziz, Cabales and Balkandali vs The United Kingdom**.

L-Avukat Generali jkompli josserva li skont ir-Reg 5(1) tal-Avviz Legali 279 tal-2008, ordni li bih kwistjoni tigi mibghuta quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ghandu jkun fih b'mod konciz u car il-fatti u c-cirkostanzi li minnhom tinholoq l-kwistjoni. Pero` f`dan il-kaz fit-talba li qeghda ssir mill-appellant ma hemmx indikazzjoni cara ta' x'inhi l-kwistjoni li huwa jrid li tintbaghat lill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).

## d) <u>Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta</u>

Anke fil-kaz ta` dan l-ilment, l-Avukat Generali jirrileva li f`ebda mument l-appellant ma kkwalifika skont liema kawzali kien qed jallega li garrab trattament diskriminatorju.

## e) <u>L-akkreditament tal-laboratorji forensici</u>

Dwar dan l-ahhar ilment, l-Avukat Generali jissottometti li fl-ebda mument tal-procediment penali li kien istitwit kontrih sal-lum ma lmenta dwar il-metodologija jew xort`ohra tal-analizi tad-droga. Anzi sahaq li seta` jibbenefika mill-Art 29 tal-Kap 101, minhabba l-informazzjoni li ghadda lill-pulizija dwar it-traffikant.

Dwar id-Decizjoni Qafas tal-Kunsill tal-UE 2009/905/GAI tat-30 ta' Novembru 2009, l-Avukat Generali jsostni li din tapplika biss ghal attivitajiet tal-laboratorji li jirrizultaw fi (a) profil tad-DNA u b) data dattiloskopika. Ghalhekk ma ghandha x'taqsam xejn f'dan il-kaz.

## IV. <u>Dritt</u>

Fil-kaz ta` talba ghal referenza dwar allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni dwar jeddijiet fondamentali, il-materja hija regolata bl-**<u>Art 46(3) tal-Kostituzzjoni</u>** li jghid :-

*Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il- qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja ; u dik il-qorti għandha tagħti d- deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is- subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.*

Fil-kaz ta` talba ghal referenza dwar allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar jeddijiet fondamentali, il-materja hija regolata bl-**Art 4(3) tal-Kap 319** li jghid :-

*Jekk f'xi procedimenti f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja ; u dik il-qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni.*

## V. Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti

Jidher minn dawn iz-zewg disposizzjonijiet li meta jsir ilment dwar allegat ksur ta` jeddijiet fondamentali mharsa bil-Kostituzzjoni u/jew mill-Konvenzjoni, il-funzjoni ta` din il-Qorti hija mqeghda f`parametri stretti.

Il-Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni li tiddeciedi dwar jekk l-allegat ilment huwiex fondat jew le **fil-mertu**.

Il-kompitu taghha huwa cirkoskritt u limitat biex tghid jekk talba li tkun saret lilha sabiex taghmel referenza dwar allegat/i ilment/i ta` ksur ta` jeddijiet fondamentali tutelati bil-Kostituzzjoni u/jew bil-Konvenzjoni lill-qorti kompetenti tkunx frivola jew vessatorja. Meta tkun tal-fehma li t-tqanqil ta` l-kwistjoni kostituzzjonali u/jew konvenzjonali ma jkunx frivolu jew vessatorju, allura tkun trid taghmel ir-referenza lill-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali). Jekk jidhrilha li t-talba tkun frivola jew vessatorja jew it-tnejn, allura t-talba ghar-referenza tieqaf hemm ghaliex minn dak il-provvediment ma hemmx appell. Fil-kaz li jkun hemm referenza, id-decizjoni ta` l-Prim`Awla tal- Qorti Civili jew, jekk ikun hemm appell, tal-Qorti Kostituzzjonali, tkun torbot lill-Qorti Referenti.

Tajjeb jinghad illi l-kliem "frivolu" jew "vessatorju" ghandhom tifsira preciza. Ifissru illi l-kwistjoni li tkun giet issollevata tkun proceduralment mhux rilevanti ghall-procediment fejn tkun tqajjmet. Il-kelma "frivola" ghandha tifsira fis-sens li l-kwistjoni tkun minghajr pregju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta`, manifestament nieqsa mis-sens u b`hekk

m`ghandhiex tinghata attenzjoni jew konsiderazzjoni. Fil-kaz tal-kelma "vessatorja" din tfisser minghajr ragunijiet sufficjenti u bl-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti.

Dan premess, il-Qorti tqis illi **bhala fatt** it-talba ghar-referenza saret mill-appellant, fl-istadju tat-trattazzjoni tal-appell tieghu minn sentenza li kienet tat il-Qorti Kriminali wara ammissjoni tal-istess appellant.

Mhuwiex kontestat li l-appell li kien interpost mill-appellant quddiem din il-Qorti huwa limitat ghall-kwistjoni tal-piena. Infatti fir-rikors tal-appell l-appellant talab ir-riforma tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-sens illi filwaqt li talab li tkun ikkonfermata d-dikjarazzjoni ta` htija skont l-akkuzi dedotti kontra tieghu, tkun mibdula l-piena li kienet inflitta.

Fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors odjern, irrizulta li l-appellant kien diga` ntavola kawza kostituzzjonali fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali** li kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottobru 2018.

Minn qari tas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali, jirrizulta li l-Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-istqarrijiet li kienu rilaxxjati mill-appellant. Wara li sabet li kien sehh ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq kif imhares bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, ir-rimedju li nghata kien illi z-zewg stqarrijiet li kien irrilaxxja kellhom jigu sfilzati mill-atti tal-process kriminali. Fil-fatt hekk sar tant li dawk l-istqarrijiet ma jaghmlux aktar parti mill-atti. Jirrizulta wkoll li ghalkemm laqghet l-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-intempestivita` tal-proceduri kostituzzjonali, il-Qorti ghamlet l-konsiderazzjonijiet taghha dwar dak li kien mistqarr mill-appellant bil-gurament quddiem il-Magistrat.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kwistjoni tal-istqarrijiet guramentati kienet indirizzata mill-Qorti Kostituzzjonali u mhux lok li terga` ssir referenza dwar materja li diga` nghatat konsiderazzjoni.

Dwar il-materji **l-ohra** sollevati mill-appellant, il-Qorti tosserva li, anke waqt id-dibattiment bil-fomm tar-rikors odjern, l-appellant baqa` ma spjegax ghaliex talab li ssir referenza kostituzzjonali meta l-appell tieghu mis-sentenza li tat il-Qorti Kriminali kienet **limitat** ghall-piena.

Din il-konsiderazzjoni tghodd ukoll anke ghall-ilment kostituzzjonali u/jew konvenzjonali li ghamel l-appellant dwar l-applikazzjoni tal-Kap 537.

Tosserva biss b`kawtela li b`rikors separat li pprezenta fl-14 ta` Novembru 2019, l-appellant, ghar-ragunijiet li semma, talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet li tat din il-Qorti fit-3 ta` April 2019, ghal liema digriet li ghalih irrefera l-appellant fir-rikors odjern, liema talba ghar-revoka kienet opposta mill-Avukat Generali, liema rikors ghar-revoka ghandu jkun trattat fl-udjenza tal-lum skont id-digriet taghha tal-25 ta` Novembru 2019.

Meta tqis l-assjem ta` fatti u cirkostanzi attinenti ghar-rikors odjern, din il-Qorti tghid li quddiemha ghandha kwistjoni **serja** ta` rilevanza.

**Tqis ukoll fil-konsiderazzjonijiet taghha ta` x`ghandu jkun kwalifikat bhala frivolu jew vessatorju l-fatt illi la quddiem il-Qorti Struttorja, la quddiem il-Qorti Kriminali, u lanqas fir-rikors tal-appell ma lmenta l-appellant dwar xi wahda mill-kwistjonijiet li abbazi taghhom talab ir-referenza.**

Lanqas ma spjega l-appellant ghaliex fil-procediment kostituzzjonali u konvenzjonali li kien istitwixxa (*supra*) **ma kienux inkluzi** l-kwistjonijiet li abbazi taghhom llum qieghed jitlob ir-referenza.

Anke hawn tidhol il-kwistjoni ta` dak li huwa frivolu u vessatorju.

Fis-sentenza taghha l-Qorti Kostituzzjonali *inter alia* qalet hekk :–

*"Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din it-tezi li fil-fehma taghha hija fattwalment u legalment insostenibbli, anke jekk jigi kkonsidrat li huwa minnu li qabel ma ttiehdet l-ewwel stqarrija huwa kien ghadu gej mill-isptar fejn kien qed jiehu trattament mediku u anke jekk l-istqarrijet jitiqiesu bhala vjolattivi tal-artikolu konvenzjonali fuq citat, dan il-fatt ma jistax idghajjef l- effetti legali tal-ammissjonijiet quddiem il-qrati kriminali meta allura r-rikorrent kien legalment assistit matul dawk il-proceduri. Fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizuta car li l-ghazla tar-rikorrent li jammetti ghall-akkuzi kienet ittiehdet meta kien legalment assistit u meta wkoll il-qorti kienet tatu zmien sabiex jahsibha sewwa, fatt li jindika li dik il-qorti kienet qed taghtih l- opportunita` li jirtira l-ammissjoni tieghu; izda ir-rikorrent baqa'*

*jinsisti fuq l-ammissjoni tieghu, ovvjament bi skop li jottjeni mitigazzjoni tal-piena. Dawn il-konsiderazzjonijiet huma sorretti ukoll mill-fatt li, meta r-rikorrent kien deher quddiem il-Qorti tal-Magistrati, huwa naqas milli jattakka l-validita` tal-istqarrijiet maghmula minnu u kkonfermati minnu bil-gurament quddiem il-magistrat inkwirenti. Li kieku r-rikorrent verament hass li l- istqarrijiet ittiehdu b'lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu, kien mistenni li mill-bidu tal-proceduri kriminali meta allura kien legalment assistit, huwa jew jattakka l-validita` tal-istqarrijiet bi proceduri kostituzzjonali jew ma jammettix ghall-akkuzi, izda huwa ghazel it-triq li jammetti, u ma hemm xejn li jsostni t-tezi tieghu li l-ghazla li jammetti ma kinitx wahda libera. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti tqis bhala gratuwita u mhux sorretta mill-provi l-osservazzjoni tal-ewwel qorti li l-ghazla li r-rikorrent jammetti saret meta huwa kien "kompletament vulnerabbli ghall-poter tal-Istat", anzi din tinsab kontradetta mill-fatt pacifiku li matul il-proceduri kriminali u allura meta ammetta ghall-akkuzi ghal diversi drabi huwa kien dejjem assistit minn avukat."*

**Wara li qieset b`reqqa l-assjem ta` kwistjonijiet li huma rilevanti ghat-talba tar-referenza, il-Qorti tghid illi t-talba hija kemm frivola kif ukoll vessatorja ghall-fini tal-Art 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Art 4(3) tal-Kap 319.**

**Ghall-fini ta` massima kjarezza, il-Qorti tishaq li l-provvediment taghha tal-lum m`ghandu bl-ebda mod jitqies minn hadd bhala li b`xi mod jincidi fuq il-mertu tal-appell innifsu li ghad irid jigi trattat u eventwalment deciz.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tal-appellant kif dedotta fir-rikors tieghu tal-20 ta` Awissu 2019 billi tqisha kemm frivola kif ukoll vessatorja ghall-finijiet u effetti kollha tal-Art 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Art 4(3) tal-Kap 319.**

**(ft) Imhallfin**

**Vera Kopja**

**Deputat Registratur**